# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU WIEHED U ERBGHIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru, 2007 fis-6.45pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.45pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.45pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.45pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.45pm |
| Skuzati : | Louis Henwood | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 39/40
2. Konferma Approvazzjoni Mozzjoni
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Rizoluzzjonijiet Specjali
5. Ground tal-Football
6. Xoghlijiet madwar l-Isla
7. Progett Qualicities
8. Bulky Refuse
9. Hlas ta' Pagamenti

## 41 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsill kellu ghall-approvazzjoni il-minuti tal-laqghat tal-Kunsill Nru 39/40.

Minhabba li uhud mill-Kunsilliera ma kienux prezenti ghal dawn il-laqghat u billi l-Kunsillier Louis Henwood ma kienx prezenti ghal din il-laqgha, il-minuti ma setghux jigu approvati f'din il-laqgha u thallew ghall-approvazzjoni fil-laqgha li jmiss.

## 41(2) Approvazzjoni ta'tibdil ta' Mozzjoni

Il-Kunsill kellu ghall-approvazzjoni Rizoluzzjoni Specjali Nru. 7/2007 skond l-Artiklu 23 (Ordnijiet Pendenti Skeda G). Din il-Mozzjoni kienet titratta dwar it-terminazzjoni tal-impieg (skrivana) tas-Sinjorina Monika Formosa fuq talba taghha stess (Minuti 40 (2)).

Wara diskussjoni kien jidher li jkun ahjar li din ir-Rizoluzzjoni tigi irtirata.

## 41(3) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

41(3) 1 **Tilqim kontra l-Influwenza**

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li ghal darba ohra, il-Kunsill sejjer joffri s-servizz ta' tilqim kontra l-influwenza fl-ufficini tal-Kunsill. Dan is-Servizz sejjer jinghata ghal dawk ic-cittadini minn 55 sena l-fuq.

41(3) 2 **Euro Changeover**

Il-Kunsill qed jghin fil-qalba tal-Ewro. Ghal dan il-ghan, sejjrin isiru zewg laqghat fl-ufficini tal-Kunsill nhar il-Hamis 22 ta' Novembru 2007 u 28 ta' Novembru 2007 li sejjrin jitmexxew minn ufficjali tal-Kumitat Nazzjonali ghall-Bidla ghall-Ewro. Dan is-servizz sejjer jinghata ghac-cittadini Sengleani u nies involuti fil-kummerc u fin-negozju.

41(3) 3 **Pjan ta' Zvilupp fil-Port il-Kbir**

Is-Sindku Joseph Casha qara ittra li l-Kunsill baghat lil Ministeru ta' Austin Gatt dwar il-pjan ta' regenerazzjoni tal-Port il-Kbir. F'din l-ittra il-Kunsill wera u ghamel bil-miktub il-preokupazzjoni tieghu dwar kif dawn il-proposti sejjrin jolqtu li-Belt tal-Isla.

Dan sar wara l-laqgha li l-Kunsill kellu fl-ufficcju tal-Kunsill mar-rapprezentanti tal-Ministeru dwar dan il-pjan.

41(3) 4 **Devoluzzjoni dwar iz-Zewgt Xelters**

Wara li l-Kunsill ircieva diversi reminders dwar id-devoluzzjoni taz-zewg xelters, il-Kunsill baghat ittra fejn fisser x'kienu id-diffikultajiet li l-Kunsill qed jiltaqgha maghhom.

Is-Sindku Joseph Casha qara l-ittra li ntbaghtet fejn gie mistqarr li l-Kunsill ma ghandux il-mezzi finanzjarji biex jaghmel feasibility survey dwar kemm jistgha jqum dan il-progett. Ghaldaqstant, il-Kunsill talab li jaghmel l-applikazzjoni tieghu ghad-devoluzzjoni minghajr estimi involuti ghal dan il-progett.

Din l-ittra hija indirizzata lil Deborah Pace, Dipartiment tal-Gvern Lokali, Ministeru tal-Gustizzja u Intern.

41 (3) 5 **Bumping Cars**

Hemm talba biex is-Sur Said jopera servizz ta' Bumping Cars bejn Settembru u Ottubru 2007 (28 gurnata) fejn il-macina.

Is-Sindku qara l-ittra fejn fisser li l-Kunsill ma ghandux oggezzjoni u l-Kundizzjonijiet li s-Sur Said irid, jista jimxi maghhom.

41 (3) 6 **Korrispondenza**

Lista ta' din il-Korrispondenza kienet prezentata minn qabel lill-Kunsilliera kollha.

| | |
|---|---|
| **04/1887/07/I** | Reminder Nru 9 Devoluzzjoni taz-zewg Xelters mibghuta minn Deborah Pace ghad-Direttur tal-Gvern Lokali. |
| **04/1888/07/I** | Ittra mill-Koordinatur tal-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera, is-Sur Ray Bondin. Hawn fisser il-ghala kien qed jirrezenja minn din il-kariga. Hawn stqarr li ma setghax jkompli jaqdi d-dmirijiet tieghu kif zviluppaw l-affarijiet. |
| **04/1889/07/I** | E-Mail mill-Kunsilliera Charmaine Gerada dwar il-Mozzjoni taghha 'Sabiex tinfetah il-kaxxa fejn kien mitfuha l-letter of Intent peress li l-closing date u l-hin stipulat kienu ghaddew. Ghandhom jinfethu biss dawk li waslu fil-hin u din li ma waslitx fil-hin izda xorta intefet fil-kaxxa ghanha tintbghat lura lill |

| | |
|---|---|
| | min tefaha minghajr ma tinfetah.<br><br>Din il-Mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Louis Henwood u l-votazzjoni kienet zewg voti favur u zewg astensjonijiet. Dan ifisser li din il-mozzjoni giet approvata mhux kif interpretaha is-Sindku li sejjer jaghti ruling fil-laqgha li jmiss.<br><br>Ghal din l-e-mail, is-Sindku informa minnufih lid-Direttur Gvern Lokali li fil-laqgha li kien imiss, hawn (is-Sindku) kien sejjer jikkonferma li l-mozzjoni kienet approvata. |
| **04/1892/07/I** | E-mail minn Romina Scerri Gvern Lokali fejn fissret il-proceduri ta kif ghandu jsir secondment biex tintela l-vakanza ta' skrivana fil-Kunsill wara ir-rizenja tas-Sinjorina Monika Formosa. Il-Kunsill talab il-permesstal-ETC biex jibda l-process. |
| **04/1922/07/I** | Matthew Vella bghat l-ittra ta' rizenja li kien jokkupa bhala Skrivan klerikali (it-tlieta 11 ta' Settembru 2007) fil-Kuntratt ta' Support Services Klerikali. |
| **04/1932/07/I** | Ittra mill-Periti Jean Frendo & Ray Farrugia dwar it-tiswija tal-Arlogg tad-Dockyard. Ir-Restoration Unit kienet lesta thallas Lm 30 biex issewwl l-Arlogg fil-waqt il l-Kunsill tal-Isla jiehu hsieb il-maintenance ta dan l-arlogg matul is-sena.<br><br>Jekk il-Kunsill jaqbel dan ix-xoghol jkun jista jsir qabel it-8 ta' Settembru li hija l-Festa ta' Marija Bambina fl-Isla. Is-Sur Anthony Psaila kien sejjer jiehu hsieb il-maintenance tal-arlogg.<br><br>Il-Kunsill qabel ma dan. |
| **04/1948/07/I** | E-mail mill-Malta Ship Yard b'referenza ghall-ittrali bghatna dwar il-vapur Didon li rega tefa xi nugrufun. Infurmawna li huma avzaw lis-Sidien tal-vapur u kkonfermaw li jibqghu responsabbli. |
| **04/1953/07/I** | Konferenza EPP Partit Popolari Ewropew f'isem il-membri Nazzjonalisti fill-Grupp Popolari Ewropew qeghdin jistiednu lis-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera fis-26 ta' Ottubru.<br><br>L-Ezekuttiv tal-Assozjazzjoni b'mod unaminu qablu li l-Kunsilli lghandhom jappoggjaw din l-inizjattiva bi hlas ta' Lm 15. |
| **04/1956/07/I** | Il-Kunsill approva talba ghall-uzu tas-sala mill-familja Simon u Caroline Ebejer it-Tlieta 20 ta' Mejju 2008 ghall-party tal-precett. |
| **04/1982/07/I** | Laqgha ghall-kunsilliera kollha fid-Dar tal-Mediterran nhar is-Sibt 6 ta' Ottubru. Data ta' Registrazzjoni sa 2 ta' Ottubru Hlas Lm 15. |
| **04/1995/07/I** | Problema ta' Parking quddiem ir-Residenza ta' Romeo Vassallo 115 St. Joseph Street Isla. Hafna vetturi qeghdin ikunu ipparkjati b'tali mod li l-familja tieghu la jkunu jistghu jidhlu kif ukoll johorgu minn darhom. Dan ghaliex hafna drabi l-parking isir ezatt mal-bieb ta' din id-dar. Qieghed jibza mill-fatt li jekk ikollhom kaz ta' emergenza bhall per ezempju uzu ta' xi ambulanza, fire engine etc. Dan l-ipparkjar bl-addocc jista jkun fatali ghall- |

| | |
|---|---|
| | dawn il-membri ta' din il-familja. Ghalhekk talab biex mill-aktar fis possibbli l-Kunsill jiehu hsieb li din il-problema u inkonvenjent tkun solvuta. |
| | Doreen Sammut Segretarja Amministrattiva Malta China Friendship Society tixtieq li l-Kunsill jikkonferma dwar il-vjagg ghal Franza mit-28 ta' Ottubru sat-3 ta' Novembru. Spejjez involuti – lunches u excursions u jistghu jmorru sa tlieta mill-Kunsill tal-Isla flimkien ma Kunsilli ohra. |
| I | E-mail minghand Grand Harbour Regeneration fejn irringrazzjawna ghal partecipazzjoni fil-Konferenza ta' Dar il-Mediterran u tawna sa 2 ta' Novembru 2007 biex nibghatu l-proposti taghna. |
| | Il-Kunsill approva t-talba tal-Grupp Gwardjola li bghatu ittra b'dati ghall-uzu tas-sala ghas-sena d-diehla. |

## 41 (4) Rizoluzzjoni Specjali

Din ir-Rizoluzzjoni hija dwar li ghandu jinhatar board tal-ghazla ta' tlett membri minn nies biex jimtlew il-vakanza ta' Segretarju/a Ezekuttiv/a kif ukoll tal-Iskrivan/a fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill.

41 (4) 1 Is-Sindku ressaq din ir-rizoluzzjoni specjali biex nirrevokaw id-decizzjoni li l-kunsill ha fil-laqgha numru 38 li saret fit-13 ta' Gunju 2007.

41 (4) 2 Wara diskussjoni l-Kunsill approva din ir-Rizoluzzjoni.

41 (4) 3 Is-Sindku Joseph Casha informa li t-tlett membri tal-Board tal-Ghazla sejjer jkunu is-Sur Joe Cristina bhala Chairman, u is-Sur Joe Casaletto u s-Sur Rene Perici bhala membri tal-Board. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv sejjer jkun fuq dan il-Board bhala ex ufficcju.

## 41 (5) Ground tal-Football

41 (5) 1 Il-Bord raprezentat mis-Sur Stephen Perici, is-Sur Raymond Camilleri u s-Sur Lawrence Mizzi kif ukoll is-Sur Alphonse Zammit iltaqghu mal-Perit Ludwig Micallef. Il-Perit Micallef gie inkarigat sabiex ihejji rapport.

41 (5) 2 Is-Sindku rraporta li ghadu qed jinsisti mal-Perit Micallef sabiex jibghatilna r-rapport ta' dak li gie diskuss mal-Bord.

## 41 (6) Xoghlijiet madwar l-Isla

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li billi l-Kunsill ma ghandux haddiema bizzejjed, biex jaghmel xoghlijiet mehtiega madwar l-Isla, dahal fi ftehim mad-Dipartiment tax-

Xoghlijiet biex hafna minn dan ix-xoghol isir minnhom. Il-Procedura li qed tintuza hija li l-Kunsill jaghmel talba ghax-xoghol li jkun mehtieg li jsir u d-Dipartiment jaghti l-ispiza. Bi ftehim li hemm il-Kunsill jhallas biss 30% tal-prezz ikkwotat u jipprovdi l-materjal.

41 (6) 1

- Patching fi Triq iz-Zewg Mini, Triq San Lawrenz u Triq San Pietru u San Pawl
- Tibjid fi Pjazza Andrea Debono
- Tikhil fuq is-Sur
- Tikhil Gnien il-Gardjola

## 41 (7) Progett Qualicities

Dan il-Kunsill gie mistieden biex jiehu sehem ghall-ahhar konferenza f'dan il-progett li kellha ssir f'Budapest Ungerija bejn 17 u 21 ta' Ottubru 2007.

41 (7) 1 Is-Sindku Joseph Casha stqarr li mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill u d-Dirigenti ta' dan il-progett kien ippuntat hafna li l-Kunsill jibghat zewg rapprezentanti ghal din il-laqgha. Jekk ma jsirx dan il-Kunsill jista jitlef ir-Reimbursement li ghandu jiehu mill-progett. Barra minn hekk, din il-konferenza hija mportanti hafna.

41 (7) 2 Wara diskuzzjoni il-kunsill qabel li ghandu jiehu sehem f'din il-konferenza.

41 (7) 3 Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha issekondat mill-Vici Sindku Walher Ahar, il-Kunsill approva li s-Sindku Joseph Casha jkellem lil-Kunsilliera Charmaine Gerada u Project Co-ordinator Joe Scerri biex imorru ghal din il-Konferenza.

## 41 (8) Bulky Refuse

Minhabba li l-Kuntrattur li kien ha l-Kuntratt ma setghax ikompli jaghti dan is-servizz, kien talab li jinhall mill-obbligi tieghu. Il-Kunsill kien accetta ghax ma kienx kuntent bis-servizz li kien qieghed jinghata.

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li kien talab li s-Sur Paul Cutajar (Il-Kuntrattur li ghandu l-Gbir tal-Iskart mid-Djar) biex jghati servizz ta' emergenza ghall-gbir ta' Bulky Refuse. Huwa kien lest li jaghmel dan ghal hlas ta' Lm 2.00 ta' kull household indikata.

Il-Kunsill qabel dwar dan pero' naqqas il-gbir ta' skart goff ghal darbtejn fil-gimgha flok tlett darbiet.

41 (8) 1 Ghandha tohrog sejha mill-gdid ghal dan is-servizz.

## 41 (9) Approvazzjoni ta' Hlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva il-hlas ta' pagament li jammonta ghal Lm 7,345.04. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada astjeniet mill-approvazzjoni taghha ghal dan il-hlas.

Billi ma kienx hemm iktar xoghol tal-Agenda x'jigi diskuss, il-laqgha ntemmet fid-9.45pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Deputat Seġretarju Eżekuttiv |